MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2008

Numru. 431/2002

**Il-Pulizija
Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**Giuseppe Azzopardi**

Il-Qorti:

Rat l-imputat Giuseppe Azzopardi iben Saviour u Francesca nee` Bugeja, imwieled Lija fis-17 ta' Ottubru 1955 u residenti 'Traditions', Triq l-Ghenba, Attard u detentur tal-karta ta` l-identita` numru 753355(M) li gie imressaq quddiemha akkuzat talli:-

Nhar it-30 ta' April 1997 u fis-snin ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u gew maghmulin b' rizoluzzjoni wahda; wara li fil-kapacita' tieghu ta' Direttur

tas-socjeta’ Marmi Progetti Limited (Company No: C 16454) approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persun ohra, is-somma ta’ LM4325.04 migbura mis-socjeta’ bhala dhul f’ taxxa dovuta lill Gvern ta’ Malta, li giet fdata jew ikkunsinnata lilhu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, jew minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu. Dan bi ksur ta’ l-Artikolu 18, 293, 294 u 310 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 30 ta’ Mejju 2002 (esebit *a folio* 4 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-24 ta’ Ottubru 2002 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-28 ta’ Frar 2008 ghall-akkuza kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa.

Ghal finijet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat il-fedina penali netta tal-imputat (esebita *a folio* 3 tal-process) u l-fatt li huwa rrifonda l-ammont kollu dovut lid-Dipartiment koncernat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Arikoli 18, 293, 294 u 310 (1) (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ssib lill-imputat

hati tal-akkuza kif minnu ammessa u b' applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkomettix reat iehor sa zmien (18) tmintax-il xahar mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------